# IMMA KIF JIĠU!

Kellu jmur iqarar is-sinjura Gita, mhux il-bogħod wisq. Din, għalkemm kienet tkaxkret sas-sebgħin sena, kienet ilha xi żewġ xitwiet ma tirfes il-għatba tal-bieb ta' barra, u għalhekk kienet kull ftit taż-żmien tibgħat għal Dun Sidor biex iqararha. Iżda ma kinetx tridu jiġi fil-għodu biex ma jarawhx il-girien u ma tafx kif ifittillhom jaħsbuha waslet biex twelli. Għax għal kemm ma kienetx tiflaħ saħta, u, bil-Malti, diġa sieqha l-waħda ġol-ħofra, kienet għadha tridha bħalli kieku kien għad għandha xi għoxrin sena quddiemha. U s-sabiħa kienet tkun meta tismagħha titkellem ma' wlied uliedha: lil Teddy, tfajjel ta' xi erbatax il-sena ma kienet qatt tinsa tgħidlu jistudja, "għax ma jkollokx ħila taqlagħni tajjeb quddiem l-imħallef". u lil ħuh, xi sena akbar minnu, li kien qiegħed jistudja għal qassis: "meta ssir kanonku, intik ir-rużetta taz-ziju, Dun Lawrenż, Alla jaħfirlu".

Iżda għal kemm ma kienetx tridu jiġi f'dawl ix-xemx lil Dun Sidor, ma kienitx trid li jiddawwar wisq, anzi, għalkemm hu kien li jqararha, hi kienet li ttieh il-ħin.

Għand din l-imbierka kien sejjer Dun Sidor. Kien bagħat lill-qaddejja, lil Wistina, tixtri xi ħtiġijiet minn ħanut fil-qrib u tâ l-ħin sewwa kemm kellha ddum; mingħajr ma qallha fejn kellu jmur biex jiskansa minn ħafna mistoqsijiet żejda. U sa dan il-ħin qagħad jistenna, jaħseb x'sejjer ipaċpaċ mas-sinjura Gita. Għax, kos, ma kienx biżżejjed li għal kull ma tgħid, hu jwieġeb "iva", u "hekk hu", u "sewwa qiegħda tgħid", ma kienx biżżejjed li juri li qiegħed jinteressa ruħu f'kull ma ttarraflu u jistaqsiha dawk l-irqaqat kollha li hu jinduna li hi tieħu gost li jistaqsuhomlha; kien xi minn daqqiet irid jibda hu t-taħdita, u ma tridx titħaddet dejjem fuq l-istess ħaġa, għax kemm il-darba tistaqsi lil dak li jkun, kif inhu, meta taf li dejjem tajjeb? U nbagħad jekk lil wieħed toqgħod tistaqsih kif inhu, jista xi ħadd jitħasseb li kont tqisu bħala marid: u s-sinjura Gita kienet tħossha għadha fl-aħjar tagħha! Għall-anqas hekk kienet tgħid.

Imma x-xitan kif iġibhom! Jew għax ma ftehmitx, jew għax, iltaqgħat ma xi ħadd li kienet tafu u semmielha xi ħaġa li għaliha ma setgħetx tibqa sejra u ma twieġibx fit-tul, ma

nafx : naf biss li fil-ħin li kien tâ Dun Sidor,Wistina, l-qaddejja tiegħu, min jaf fejn kienet—id-dar sgur li lê.

Hu, meta beda jara l-ħin jagħfas, u Wistina għadha ma deħritx beda jitħasseb, imma x'jaqbad jagħmel? "Aħjar li għidtilha", beda jgerger waħdu, "imma mur ara kieku għidtilha, kif kienet tiekolni bil-mistoqsijiet, mur ara kif tibda titkixxef minn għand il-ġirien kollha min kienet din is-sinjura Gita, kemm kellha snin, biex kienet marida", f'kelma waħda aktarx iva nkella lê kienet tgħallih.

U l-ħin għaddej.

Stenna ftit ieħor—ħareġ l-arloġġ minn ħobbu, u ra li kien baqa' ħames minuti għal ħin li kien tâ biex iddum. X'jaqbad jagħmel? quddiem għajnejh ma bediex jiġih ħlief kemm ildarba kellu xi jgħid ma Wistina: f'widnejh ma bediex jidwi ħlief l-għajjat li ġie li għajjat magħha; u, mixgħul kif kien għall-kemm ma qagħditx għar-rieda tiegħu, beda jpinġiha quddiem għajnejh bħala ħatja talli se' żżommu jistennieha u hekk ikollu jmur għand is-sinjura Gita wara l-ħin.

"Imma lê, wara l-ħin ma nasalx"—qal f'daqqa Dun Sidor, x'ħin ftakar li l-bieb ta' barra kien jingħalaq fuq serratura ingliża. "Niġbed il-bieb warajja, u nbagħad Wistina tiftaħ biċ-ċavetta li għandha fuqha". Hu ma kellux ċavetta oħra—qatt ma ried jagħmel oħra: qatt ma kien hemm għalfejn, kien igħid Dun Sidor—"iżda sa kemm narġa lura jien, Wistina tkun waslet". U issa, li ġietu f'rasu kif joħroġ minn dik ilbasla, Dun Sidor nesa għal kollox it-thewdin kollu fuq Wistina.

Hu u ħiereġ għadda ġos-sala u ra xi żewġ siġġijiet mhux f'lokhom. Reġa ftakar f'Wistina; u—Hemm hi,—reġa beda waħdu, wara li tkun ilha ma tfarfar xi ħmistax, meta tnaddaf ftit dejjem għandha tħalli xi ħaġa barra minn lokha biex turi li naddfet. "Jaħasra agħar għaliha, għax ninduna kemm tkun ilha ma tnaddaf". Iżda malajr reġa nesa kollox, għax il-ħin kien qiegħed jagħfas u ma kellux quddiem għajnejh għajr issinjura Gita. U għaġġel lejn il-bieb ta' barra.

Kollu għaġla fetaħ, ħareġ, u ġibed b'saħta l-bieb warajh. Ħabat sa jinqalagħ minn ma' l-bieb, iżda sâb x'iżommu. Imma x-xitan kif iġibhom! Idur biex jara x'inqala' u jsib li hu u ħiereġ bil-għaġla weħillu biċċa mill-firjol bejn il-bieb.

Għamel biex jaqalgħu, iżda għalxejn, kien għoddu ċarrtu: kellu ġewwa biċċa ġmielha. Ċavetta ma kellux; anqas biss

pass wieħed ma seta jagħti. X'jaqbad jagħmel. Jinża l-firjol u jħallih imwaħħal ma 'l-bieb? U hu joqgħod mingħajr firjol f'nofs it-triq? Ġietu tajba li kien dalam, għax f'dik il-qagħda tad-daħk kien tassew jagħti fil-għajn ta' kull min igħaddi. Fl-aħħar ġieh f'rasu x'jagħmel: dâr wiċċu lejn il-bieb taparsi qiegħed jistenna jiftħulu u kull tant, l-aktar meta jara lil xi ħadd riesaq jagħti ċempila l-qampiena biex bħalli kieku għadhom ma semgħux: billi kien id-dlam seta jaħdimha tajjeb; u, għal l-anqas ma jaqax għaż-żuffjet. U b'sabru kollu kellu joqgħod jistenna l-Wistina titfaċċa. Jistennieha iva, imma mhux li ġo qalbu ma jisfugax l-imrar kollu li kellu miġmugħ.

Għax issa li ma kellu l-ebda tama li jasal fil-ħin għand is-sinjura Gita, reġa tfaċċalu quddiem għajnejh kull ma kellu għax igerger fuq Wistina; iżda bis-saħna li kien fiha kollox beda jara akbar milli kien fis-sewwa.

Fil-ħin jara żewġ nisa jfeġġu mill-bogħod: mis-sura, mil-qagħda, mil-mixja għaraf lil waħda minnhom b'Wistina; l-oħra ma setax jinduna min hi. Bejn irid jifraħ għax issa dal waqt jeħles minn dak il-purgatorju, bejn irid jonfoħ bir-rabja li kienet ittih meta jiftakar x'buri se' tagħmillu s-sinjura. Kieku għal buri, ħalli tagħmel buri kemm trid! Iżda l-ikrah hu dak li l-buri jista jġib warajh!

Sa da'l-waqt Wistina dejjem riesqa: iżda x'inkejja! meta Dun Sidor donnu jridha aktar tgħaġġel, ara tieqaflek u tagħti b'idejha, medhija kif kienet fil-kliem, u hu donnu irid igħajjtilha... imma x'tgħajjat, biex min ikun għaddej jaħsbu qiegħed jiġġennen.

Iżda fl-aħħar, bit-tielgħa u bin-nieżla waslet. M'hemmx għalfejn wieħed joqgħod igħid kif laqagħha Dun Sidor; u miskin kellu għaliex.

Imma l Wistina ġietha tajba, għax kellu sebagħ mitt sena biex jitlaq għal għand Gita, u sa' fil-għaxija kien kważi għaddielu billi x-xiħa, meta semgħet bil-biċċa neħħiet il-buri kollha.

Ed. Coleiro.